FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1088/01JR**

**KNK Air Conditioners Co. Ltd.**

**vs**

**Alfred Spiteri Debarro**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-28 ta' Settembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm126.50), premess illi s-socjeta` attrici kienet bieghet u kkonsenjat lill-konvenut li xtara u accetta minghandha merkanzija li fuqha ghad hemm bilanc ta' mija sitta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm126.50) li ghadu ma thallasx mill-istess konvenut, u dan flimkien ma' l-interessi skond il-Ligi;**

**Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jiddikjarah debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' mija sitta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm126.50), bilanc ta' prezz akbar ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mill-istess socjeta` attrici u ghalhekk tikkundannah ihallas tali bilanc flimkien mal-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-15 ta' marzu, 2001, u tad-9 ta' April, 2001, u ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Gunju, 2001, u ta' Awissu, 2001, u l-imghax legali mid-data ta' l-ewwel ittra ufficjali kontra l-istess konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Veronica Aquilina ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija sitta u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm126.50), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Gunju, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-15 ta' marzu, 2001, u tad-9 ta' April, 2001, u ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Gunju, 2001, u ta' Awissu, 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**